Benefiċċji Ekonomiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-Unjoni Ewropea

Impatti ekonomiċi tal-ugwaljanza bejn is-sessi

It-titjib tal-ugwaljanza bejn is-sessi jista'jkollu ħafna impatti pożittivi fuq l-individwi kif ukoll fuq is-soċjetà ġenerali. Unjoni Ewropea (UE) iktar ugwali bejn is-sessi jkollha impatti qawwijin u pożittivi fuq il-PDG li jikbru biż-żmien, livell ta' impjieg u produttività aktar għoli u tkun tista' tirrispondi għal sfidi relatati mat-tixjiħ demografiku fl-UE.

Studju mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) dwar il-"benefiċċji ekomomiċi tal-ugwaljanza bejn is-sessi" jippreżenta evidenza ġdida aktar robusta, li turi l-impatti pożittivi tat-tnaqqis tad-disparitajiet bejn is-sessi fl-edukazzjoni STEM (xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika), fl-attività fis-suq tax-xogħol u fil-pagi. Dan juri wkoll li l-indirizzar ta' aspetti differenti tad-disparità bejn is-sessi flimkien bħala unità waħda aktarx ikollu impatti iktar pożittivi mill-indirizzar ta' kull aspett tad-disparità bejn is-sessi wieħed, wieħed, peress li l-ugwaljanza bejn is-sessi f'qasam wieħed għandha effetti kollaterali f'oqsma oħra.

X'inhuma l-benefiċċji ekonomiċi tal-ugwaljanza bejn is-sessi?

Aktar impjiegi u aktar xogħlijiet

Ir-rata tal-impjiegi fl-UE ser tagħmel qabża sostanzjali jekk in-nisa jkollhom aktar opportunitajiet indaqs fl-edukazzjoni STEM u fis-suq tax-xogħol. Dan iwassal għal tkabbir fir-rata tal-impjiegi tal-UE b'0.5–0.8 punti perċentwali sal-2030 u b'2.1–3.5 punti perċentwali sal-2050. Fl-2050, ir-rata tal-impjiegi tal-UE tilħaq kważi t-80 % jekk ikun hemm titjib sostanzjali fl-ugwaljanza bejn is-sessi. Jekk aktar nisa jingħaqdu mal-forza tax-xogħol u/jew jiksbu edukazzjoni f'oqsma b'nuqqas ta' ħiliet li għandhom prospetti futuri tajbin ta' impjieg, bħal STEM, aktarx isibu impjieg u jagħmlu kontribuzzjonijiet sostanzjali għall-ekonomija. Ċaqliqa bħal din tikkontribwixxi għal żieda fil-qligħ u tnaqqis fid-diskrepanza bejn il-pagi għan-nisa. It-tnaqqis fid-diskrepanza bejn il-pagi tal-irġiel u tan-nisa jista' jkollu rwol importanti wkoll biex jattira aktar nisa lejn il-forza tax-xogħol.

It-tneħħija tad-diskrepanzi bejn is-sessi fl-UE toħloq impjiegi ġodda daqs kemm hemm f'pajjiż Ewropew ta' daqs medju.

Figura 1. L-effett ta' ugwaljanza mtejba bejn is-sessi fuq l-impjiegi



Titjib fl-ugwaljanza bejn is-sessi jwassal għal 10.5 miljun impjieg addizzjonali fl-2050, li jkun ta' benefiċċju kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel. Madwar 70 % ta' dawn l-impjiegi jittieħdu min-nisa, madankollu r-rati tal-impjieg tan-nisa u tal-irġiel fuq perjodu twil għandhom jiltaqgħu, fejn sal-2050 jilħqu rata tal-impjieg ta' 80 %. L-ammont ta' impjiegi ġodda bejn wieħed u ieħor jikkorrispondi għan-numru ta' impjiegi fin-Netherlands.

L-impjiegi l-ġodda okkupati min-nisa huma partikolarment importanti għaliex jistgħu jgħinu jnaqqsu l-faqar, waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020. Kif juru s-sejbiet fl-istudju riċenti tal-EIGE dwar in-nisa u l-faqar, in-nisa huma ġeneralment affettwati mill-faqar aktar spiss mill-irġiel minħabba prospetti ta' impjieg u ta' salarju aktar baxxi (EIGE, 2016). Għalhekk, jekk in-nisa jkollhom impjieg, ir-riskju tal-faqar tan-nisa jitnaqqas.

Sal-2050, titjib fl-ugwaljanza bejn is-sessi jwassal għal żieda fil-PDG tal-UE per capita ta' 6.1–9.6 %, li jammonta għal EUR 1.95–3.15 triljuni. Iż-żieda tkun tidher diġà fl-2030, meta l-PDG per capita jkun żdied b'sa 2 %. Iż-żieda primarjament hi riżultat tar-rata mtejba tal-impjieg tan-nisa u l-progress tagħhom f'impjiegi STEM aktar produttivi.

Imqabbla ma' politiki tas-suq tax-xogħol u tal-edukazzjoni, il-politiki tal-ugwaljanza bejn is-sessi għandhom impatt qawwi fuq il-PDG. Għalhekk, l-ugwaljanza bejn is-sessi hi miżura ta' politika rilevanti ħafna biex jitrawwem it-tkabbir ekonomiku. Pereżempju, studju riċenti tad-DĠ Edukazzjoni, Żgħażagħ, Sport u Kultura wera li titjib fil-livell edukattiv milħuq fl-Istati Membri tal-UE jwassal għal żieda ta' 2.2 % fil-PDG tal-UE fl-2050 (DĠ Edukazzjoni, Żgħażagħ, Sport u Kultura, 2016), li hu ħafna inqas mill-impatt previst għal titjib fl-ugwaljanza bejn is-sessi.

PDG miżjud

L-ugwaljanza bejn is-sessi għandha impatti qawwijin u pożittivi fuq il-PDG, li jiżdiedu maż-żmien u li jistgħu jaqbżu l-impatti ta' interventi oħra fis-suq tax-xogħol u fl-edukazzjoni.

Figura 2. L-effett ta' titjib fl-ugwaljanza bejn is-sessi fuq PDG għal kull ras



L-Istati Membri li jżidu l-ugwaljanza bejn is-sessi ser igawdu minn iktar benefiċċji

L-impatti tal-PDG stmati tal-ugwaljanza mtejba bejn is-sessi ser ivarjaw b'mod konsiderevoli fl-Istati Membri, skont il-livell preżenti ta' kisba tal-ugwaljanza bejn is-sessi. B'mod ġenerali, ir-riżultati kienu pożittivi ħafna, fejn ċerti Stati Membri individwali raw żieda ta' madwar 4 % fil-PDG u oħrajn qabżu l-10 %.

L-aktar impatti kbar tipikament kienu fi Stati Membri fejn l-ugwaljanza bejn is-sessi ([1]) hi prijorità baxxa. L-istudju juri li dawk l-Istati Membri jiksbu ħafna li kieku jqiegħdu l-ugwaljanza bejn is-sessi fuq l-aġenda. Dan hu partikolarment importanti fil-kuntest tat-tkabbir inklussiv fl-UE, li għandu l-għan li jnaqqas id-disparitajiet bejn ir-reġjuni u jiżgura li l-benefiċċji tat-tkabbir jilħqu l-partijiet kollha tal-UE.

([1]) Ir-raggruppament tal-Istati Membri huwa bbażat fuq l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-EIGE.

Figura 3. L-impatt tal-ugwaljanza bejn is-sessi: differenzi fil-PDG fl-Istati Membri fl-2030



- Grupp 1: impatti kbar tal-ugwaljanza bejn is-sessi
- Grupp 2: impatti moderati tal-ugwaljanza bejn is-sessi
- Grupp 3: impatti żgħar tal-ugwaljanza bejn is-sessi

L-Istati Membri li għandhom lok kbir għal titjib jistgħu jiksbu titjib ekonomiku sostanzjali bħala riżultat ta' iktar ugwaljanza bejn is-sessi. Bħala medja, ugwaljanza mtejba bejn is-sessi f'dawn l-Istati Membri hi mistennija li twassal għal żieda ta' madwar 12 % fil-PDG sal-2050.

L-Istati Membri li bħalissa għandhom miżuri limitati ta' ugwaljanza bejn is-sessi huma dawk li jiggwadanjaw l-aktar meta jnaqqsu d-diskrepanzi bejn is-sessi.

L-aktar Stati Membri li marru tajjeb fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi diġà kisbu livelli tajbin ta' ugwaljanza bejn is-sessi u għalhekk diġà jgawdu xi wħud mill-benefiċċji ekonomiċi assoċjati. Madankollu, titjib ulterjuri fl-ugwaljanza bejn is-sessi jista' jiġġenera kisbiet ekonomiċi addizzjonali anki f'dawn l-Istati Membri, li spiss jilħqu madwar 4 % tal-PDG.

Spinta fil-kompetittività

Titjib fl-ugwaljanza bejn is-sessi jista' jagħti spinta lill-kompetittività fuq medda twila ta' żmien tal-ekonomija tal-UE.

Miżuri ta' ugwaljanza bejn is-sessi jistgħu jwasslu għal żieda fil-kapaċità produttiva potenzjali tal-ekonomija u għal prezzijiet iktar baxxi. Wara dawn l-iżviluppi, l-UE tkun tista' tipproduċi aktar prodotti u servizzi domestikament u ssir ukoll aktar kompetittiva fi swieq internazzjonali. Dan iwassal għal titjib fil-bilanċ kummerċjali, fejn esportazzjonijiet tal-UE jiżdiedu b'1.6–2.3 % u l-importazzjonijiet jonqsu b'0.4–0.7 % fl-2050. Għalhekk, dan jgħin iżomm il-kummerċ internazzjonali bħala wieħed mill-ixprunaturi ewlenin tat-tkabbir tal-UE, f'konformità mal-istrateġija Ewropa 2020.

L-indirizzar tal-isfidi tat-tixjiħ demografiku fl-UE

Titjib tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-edukazzjoni, parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u tqassim aktar bilanċjat ta' xogħol mhux bi ħlas bejn in-nisa u l-irġiel huma meqjusa li jwasslu għal żieda fil-fertilità, u dan jirrifletti s-sejbiet riċenti tar-riċerka f'dan il-qasam. Min-naħa tagħhom, rati aktar għoljin tal-fertilità jwasslu għal aktar popolazzjoni u għal żieda fil-provvista tal-ħaddiema fuq perjodu twil. L-istudju kkalkula li r-rati tal-fertilità jiżdiedu b'0–8% sal-2030. Sal-2050, iż-żieda fil-fertilità hi stmata li twassal għal żieda fl-impjiegi b'1.3–2.6 miljun persuna. Fid-dawl tal-projezzjonijiet demografiċi attwali tal-UE, li jipprevedu żieda sinifikanti fin-numru ta' persuni anzjani li mhumiex attivi fis-suq tax-xogħol (l-istrateġija Ewropa 2020), hu partikolarment importanti li jkun hemm nies f'impjiegi.

Disparità bejn is-sessi: opportunità mitlufa għal tkabbir makroekonomiku?

L-ugwaljanza bejn is-sessi dejjem kienet impenn politiku li ilu jeżisti tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, id-disparitajiet bejn is-sessi jippersistu f'diversi oqsma, li jagħmlu ħsara lill-opportunitajiet ekonomiċi tan-nisa u li jaffettwaw l-ekonomija globali.

Taħlita ta' fatturi matul il-ħajja ta' mara jikkontribwixxu għal inugwaljanzi peristenti:

- għażliet edukattivi bħala riżultat ta' segregazzjoni tas-sessi;
- parteċipazzjoni baxxa fil-forza tax-xogħol;
- paga iktar baxxa;
- impjieg prekarju;
- diviżjoni mhux ugwali ta' responsabbiltajiet mhux imħallsa fl-unità domestika.

Inugwaljanzi persistenti għandhom riżultat negattiv sinifikanti għan-nisa u l-irġiel, għall-impjegaturi u għas-soċjetà ġenerali, għax iħallu ammont kbir ta' talent li ma jiġix utilizzat biżżejjed.

Disparità bejn is-sessi fl-Ewropa: fatti u figuri ewlenin (2015)

- In-nisa għadhom ma jiġux irrappreżentati biżżejjed fl-oqsma STEM. F'dawn l-oqsma, 75 % tal-istudenti huma rġiel.
- Bħala medja d-differenza fl-impjieg bejn is-sessi hi ta' 11.6 % fl-UE u tiżdied bin-numru ta' tfal fl-unità domestika.
- Ir-rappreżentazzjoni żejda tan-nisa fix-xogħol part-time taffettwa mhux biss l-involviment tagħhom fis-suq tax-xogħol iżda anki r-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali tagħhom. Fl-2015, bħala medja, 32.1 % tan-nisa ħadmu part-time, f'kuntrast ma' 8.9 % tal-irġiel.
- Ir-rati tal-impjieg part-time tan-nisa jiżdiedu wkoll flimkien man-numru ta' tfal li jkollhom. 39 % tan-nisa madwar l-UE rrapportaw li r-raġuni ewlenija għaliex ma fittxewx impjieg kienet "biex jieħdu ħsieb it-tfal jew adulti inabilitati", filwaqt li dan kien il-każ għal 4 % biss tal-irġiel.
- Bħala medja, in-nisa jaqilgħu 16.1 % inqas mill-irġiel madwar l-UE, li jfisser li jkollhom jaħdmu madwar 40 ġurnata iktar fis-sena (jew sat-tmiem ta' Frar) biex jaqilgħu dak li l-irġiel kellhom sal-aħħar tas-sena preċedenti (Eurostat, 2016a, 2016b).

Referenzi

Id-DĠ Edukazzjoni, Żgħażagħ, Sport u Kultura (2016), Studju dwar il-potenzjal li l-edukazzjoni toħloq żbilanċi makroekonomiċi u effetti kollaterali negattivi ("Study on the potential of education to cause macroeconomic imbalances and negative spillovers").

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2016), *Il-faqar, is-sess u inugwaljanzi li jiltaqgħu ma' xulxin — Reviżjoni tal-implimentazzjoni ta' qasam A: ("Poverty, gender and intersecting inequalities — Review of the implementation of an area A:") In-nisa u l-faqar tal-Pjattaforma ta' Beijing għall-Azzjoni ("Women and poverty of the Beijing Platform for Action")*, Uffiċċju tal-Pubblikazzjoni tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu. Disponibbli fuq: http://eige.europa.eu/sites/default/files/documents/ti_pubpdf_mh0416244enn_pdfweb_20161208181320.pdf

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2015), *Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2015 — It-tkejjil tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Unjoni Ewropea 2005-2012 ("Gender Equality Index 2015 — Measuring gender equality in the European Union 2005-2012")*, Uffiċċju tal-Pubblikazzjoni tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu. Disponibbli fuq: http://eige.europa.eu/content/document/gender-equality-index-report

Eurostat (2016a), *Statistiċi dwar is-sess ("Gender statistics")*. Disponibbli fuq: http:// ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Gender_statistics

Eurostat (2016b), *Employment statistics* (Statistika dwar l-impjieg). Disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Employment_statistics

MH-01-17-095-MT-N

Dwar l-istudju

L-istudju dwar il-benefiċċji ekonomiċi tal-ugwaljanza bejn is-sessi huwa uniku fil-kuntest tal-UE. Huwa l-ewwel tat-tip tiegħu li juża mudell ekonometriku robust sabiex tinħoloq stima ta' firxa wiesgħa ta' benefiċċji makroekonomiċi tal-ugwaljanza bejn is-sessi f'bosta oqsma wesgħin bħall-edukazzjoni, attività tas-suq tax-xogħol u pagi.

Ir-riżultati ġenerali tal-istudju juru li aktar ugwaljanza bejn is-sessi twassal għal:

- bejn 6.3 miljun u 10.5 miljun impjieg addizzjonali fl-2050, b'madwar 70 % ta' dawn l-impjiegi meħuda min-nisa;
- impatti pożittivi tal-PDG li jikbru maż-żmien;
- żieda fil-PDG għal kull ras ta' kważi 10 % fl-2050.

L-istudju uża l-mudell makroekonomiku E3ME sabiex tinħoloq stima tal-impatti ekonomiċi tat-titjib fl-ugwaljanza bejn is-sessi. E3ME huwa mudell makroekonomiku empiriku mfassal speċifikament sabiex jitfasslu eżiti fil-livelli tal-UE u tal-Istat Membru.

L-eżiti tal-istudju dwar il-benefiċċji ekonomiċi tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-UE jinkludu disa' pubblikazzjonijiet:

1. Reviżjoni tal-letteratura: evidenza eżistenti dwar il-benefiċċji soċjali u ekonomiċi tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-approċċi metodoloġiċi. (*Literature review: existing evidence on the social and economic benefits of gender equality and methodological approaches*)
2. Ħarsa ġenerali tal-UE u tal-Istat Membru tal-UE. (*EU and EU Member State overviews*)
3. Rapport dwar l-applikazzjoni empirika tal-mudell. (*Report on the empirical application of the model*)
4. Kif ġiet prodotta l-evidenza: dokument informattiv dwar il-qafas u l-mudell teoretiku. (*How the evidence was produced: briefing paper on the theoretical framework and model*)
5. Kif ġiet prodotta l-evidenza: skeda informattiva dwar il-qafas u l-mudell teoretiku.
6. Impatti ekonomiċi tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-kuntest tal-politika tal-UE: dokument informattiv.
7. **Impatti ekonomiċi tal-ugwaljanza bejn is-sessi: dokument informattiv.**
8. Kif l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-edukazzjoni STEM twassal għal tkabbir ekonomiku: dokument informattiv.
9. Kif it-tneħħija tad-disparità tal-attività tas-suq tax-xogħol bejn is-sessi u tal-paga twassal għal tkabbir ekonomiku: dokument informattiv.

Il-pubblikazzjonijiet kollha, ir-riżultati ta' studju dettaljat u l-metodoloġija jistgħu jinstabu fuq is-sit web tal-EIGE.

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) huwa ċ-ċentru ta' għarfien dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi tal-UE. L-EIGE jappoġġja lil min ifassal il-politika u l-istituzzjonijiet rilevanti kollha fl-isforzi tagħhom biex jagħmlu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel realtà għall-Ewropej kollha billi jipprovdilhom tagħrif espert speċifiku u data komparabbli u affidabbli dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-Ewropa.

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

Għal aktar tagħrif:
European Institute for Gender Equality, EIGE
Gedimino pr. 16
LT-01103 Vilnius
LITHUANIA
Tel. +370 52157444
E-mail: eige.sec@eige.europa.eu

http://eige.europa.eu
http://www.twitter.com/eurogender
http://www.facebook.com/eige.europa.eu
http://www.youtube.com/eurogender
http://eurogender.eige.europa.eu/

ISBN 978-92-9493-941-8
doi:10.2839/700800